

Il-gwida tal-faċilitaturi għal-Logħba tar-Rwoli Virtwali



Parlament Ewropew

1 . Introduzzjoni

1.1 L-għan tal-gwida

3

2 . Dwar il-logħba

2.1 L-objettivi

4

2.2 Min jista' jilgħab?

5

2.3 Is-suġġetti tal-logħba

2.4 Id-data personali fil-logħba

3 . Kif tilgħab il-logħba

3.1 Id-daqs tal-grupp

6

3.2 Kemm iddum il-logħba

3.3 Farsa ġenerali

3.4 Kif tarma l-kamra

7

3.5 Il-materjal meħtieġ

8

3.6 Il-preparazzjoni teknika

3.7 Kif tibda l-logħba

9

4 . Il-logħba spjegata pass pass

4.1 Biex tibda l-logħba

10

11

4.2 Introduzzjoni għall-proposta għal liġi u l-ispeġja dwar il-logħba

4.3 Introduzzjoni għall-gruppi politiċi

4.4 Introduzzjoni għall-gruppi tal-kumitati u l-votazzjoni

12

4.5 Id-diskussjoni fil-gruppi politiċi

4.6 Id-diskussjoni fil-plenarja u l-votazzjoni, l-ewwel parti

13

4.7 Żvolta kbira

14

4.8 Is-sessjoni plenarja u l-votazzjoni, it-tieni parti

4.9 Ir-reazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u r-riżultati tal-logħba

4.10 F'każ ta' rifjut

5 . Qabel il-logħba

5.1 Kif nirrappreżenta opinjonijiet differenti minn kif naħsibha jien?

15

5.2 Insiru nafu l-Unjoni Ewropea

17

5.3 Insiru nafu l-Parlament Ewropew

18

5.3.1 X'inhu l-Parlament Ewropew u kif jaħdem?

19

5.3.2 Il-Vjaġġ Diġitali ġol-Parlament Ewropew

6 . Matul il-logħba

6.1 L-affarijiet fil-prattika

21

6.2 Glossarju

25

6.3 Ir-regoli tal-logħba

29

7 . Wara l-logħba

7.1 Sessjoni ta' debriefing

31

7.2 Feedback jew evalwazzjoni bil-miktub

32

7.3 Flimkien.eu

7.4 L-offerta tal-Europa Experience

8 . Annessi

8.1 Anness I: Formola ta' evalwazzjoni/feedback

33

8.2 Anness II: Karti biex jiġu stampati għal-logħba

34

1. Introduzzjoni

Merħba għall-gwida tal-faċilitaturi għal-logħba tar-rwoli virtwali tal-Parlament Ewropew

1.1 L-għan tal-gwida



Stampa ta' karattru fil-logħba:
il-President fittizju tal-Kumitat ENVI,
zaġġuħ liebes ġlekk u ingravata

Din il-gwida tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-logħba, kif ukoll lejn ir-riżorsi sabiex toffri kemm lilek u kemm lill-grupp ta' parteċipanti tiegħek esperjenza ta' taġġim immersiva li tħalli l-frott.

F'din il-gwida, se ssib l-informazzjoni kollha li għandek bżonn biex tilgħab il-logħba bla xkiel, kif ukoll biex titgħallim kif tipprepara lill-parteċipanti għall-aqwa esperjenza qabel, matul u wara l-logħba.

Il-gwida toffri wkoll għadd ta' attivitajiet preparatorji addizzjonali biex tgħin lill-parteċipanti jidraw ir-rwoli taġġim, u sessjoni ta' debriefing li tiffoka fuq dak li tgħallmu u fuq l-esperjenza ġenerali, skont kemm tistgħu tiddedikaw ħin għal-logħba.

Ħudu gost!

Din il-gwida hija maħsuba biex isservi bħala għodda ta' appoġġ għall-faċilitaturi tal-logħba f'sitwazzjonijiet edukattivi differenti:

- L-għalliema fl-iskejjel bi studenti ta' 16-il sena u aktar;
- Il-faċilitaturi u dawk li jħarrġu lin-nies fi programmi u attivitajiet ta' edukazzjoni mhux formali;
- Il-ħaddiema f'ċentri tal-komunità jew taż-żgħażaġħ lokali jew f'sitwazzjoni simili;
- Kwalunkwe sitwazzjoni oħra li taf tkun adattata biex tintlagħab il-logħba filwaqt li jiġi rrispettat l-iskop maħsub għaliha.

Din il-gwida tipprovdi lill-faċilitaturi b'informazzjoni dwar kif iħaddmu l-logħba online u biex jaraw x'hemm bżonn fil-kamra biex tintlagħab il-logħba. Tinkludi wkoll spjegazzjoni pass pass ta' x'jiġri fil-logħba.


Barra minn hekk, se ssib informazzjoni ġenerali dwar l-UE u l-Parlament, attivitajiet preparatorji suġġeriti biex jgħinu lill-parteċipanti jidraw ir-rwoli assenjati lilhom, u xi mistoqsijiet biex jiggwidaw għal sessjoni ta' debriefing li tiffoka fuq x'tgħallmu l-parteċipanti mil-logħba.

2. Dwar il-logħba

Il-logħba tar-rwoli virtwali hija simulazzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Il-parteċipanti jagħmluha ta' **Membru tal-Parlament Ewropew (MPE)** u jiġu assenjati fi gruppi politiċi fittizji. Flimkien mal-**MPE** sħabhom, il-parteċipanti jridu jiddibattu, jinnegozjaw, isibu kompromessi u jivvutaw fuq abbozz ta' liġi biex itejbu l-ħajjiet tan-nies madwar l-Unjoni Ewropea. Billi toffri verżjoni simplifikata tal-proċedura leġiżlattiva tal-**UE**, il-logħba għandha l-għan li tagħmilha faċli li wieħed jifhem ir-rwol tal-**Parlament** fil-proċess kollu u jifhem ukoll il-ħidma u r-responsabbiltajiet tal-**MPE** bħala rappreżentanti tan-nies eletti direttament. L-għan hu li l-parteċipanti jesperjenzaw kif taħdem id-demokrazija u li nħeġġuhom jinvolve ruħhom bħala ċittadini.

2.1 L-objettivi



Il-logħba hi mfasla biex tintlagħab minn gruppi f'sitwazzjonijiet edukattivi differenti, minn klassijiet għal ċentri taż-żgħażaġh u programmi ta' edukazzjoni mhux formali. Il-parteċipanti jpoġġu u jinteraġixxu fl-istess spazju fiżiku filwaqt li jilagħbu l-logħba fuq l-apparat tagħhom stess u jsegwu l-istruzzjonijiet fuq l-iskrin tal-faċilitatur. Il-logħba tista' tintlagħab f'sitwazzjonijiet differenti minn dawk imsemmija hawn fuq minn kwalunkwe persuna ta' 16-il sena jew aktar, dment li l-logħba tintuża għall-iskop maħsub tagħha.

Il-logħba hija parti mill-**"Vjaġġ Diġitali għol-Parlament Ewropew"**, proġett li għandu l-għan li jjarreb lill-Parlament lejn in-nies madwar l-Ewropa kollha. Il-pjattaforma toffri varjetà ta' għodod interattivi online biex wieħed jesplora l-istituzzjoni u jitgħallem kemm dwar il-ħidma tal-**MPE**, kif ukoll dwar l-istorja Ewropea.

Skopri aktar dwar il-Vjaġġ Diġitali minn din il-ħolqa:

<https://digital-journey.europarl.europa.eu/#/mt/>

Il-**Parlament Ewropew** irid jagħti opportunità liż-żgħażaġh madwar l-Ewropa biex jagħmluha ta' **MPE** u jesperjenzaw ir-realtà tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u t-tiswir tal-liġijiet tal-**UE** fl-iskejjel jew il-komunitajiet tagħhom stess permezz ta' din l-esperjenza edukattiva, immersiva u pjaċevoli.

Il-logħba tiffoka fuq l-importanza tal-ħidma flimkien għall-benefiċċju tas-soċjetà, filwaqt li tinkoraġġixxi l-kompromess u l-interazzjoni fost il-parteċipanti, u tipprovdi pjattaforma għat-titjib tal-ħiliet, inklużi d-diskors fil-pubbliku u d-diplomazija.

Finalment, il-**Parlament** jittama li l-logħba tar-rwoli virtwali se timmotiva lin-nies biex jinvolve ruħhom aktar fid-demokrazija Ewropea f'ħajjithom ta' kuljum, u bħala votanti potenzjali fl-elezzjonijiet Ewropej tagħtihom is-setgħa billi huma jifhem aktar kif taħdem l-**Unjoni Ewropea** u x'inhu r-rwol tal-**Parlament** bħala r-rappreżentant taċ-ċittadini tal-**UE**.

2. Dwar il-logħba

2.2 Min jista' jilgħab?

L-udjenza fil-mira tal-logħba tar-rwoli virtwali hija ż-żgħażaġh ta' bejn **is-16 u t-18-il sena**, li ma jafux wisq dwar l-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew.

Madankollu, kwalunkwe persuna ta' aktar minn 16-il sena tista' tieħu gost tilgħab il-logħba, ikunu xi jkunu l-isfond jew l-esperjenza tagħha.

2.3 Is-suġġetti tal-logħba


- Il-Parlament Ewropew
- It-teħid tad-deċiżjonijiet
- Il-proċedura leġiżlattiva tal-UE
- L-Unjoni Ewropea
- Id-demokrazija parteċipatorja
- L-iżvilupp tal-ħiliet personali

2.4 Id-data personali fil-logħba

Għalkemm il-logħba tar-rwoli virtwali tirrikjedi li l-parteċipanti jkunu mqabbdin mal-logħba online, din ma tiġbor l-ebda data personali.

Il-logħba hija applikazzjoni bbażata fuq il-web li l-parteċipant jaċċessa permezz ta' **URL** fi brawżer fuq l-apparat tiegħu (mowbajl, tablet, kompjuter) mingħajr ma jniżżel xejn. Il-logħba ma tirrikjedix li wieħed joħloq kont biex jilgħab.

Fil-bidu tal-logħba, kull parteċipant jiġi assenjat isem fittizju ta' **MPE**, li jfisser li ma jintalbu l-ebda isem, età jew informazzjoni personali oħra mingħand il-parteċipant.



Stampa ta' karattri fil-logħba: żewġ nisa żgħażaġh li huma sidien ta' ħwienet indipendenti, libsin ilbies informali.

L-**indirizz IP** huwa dejjem l-istess għall-parteċipanti kollha f'kull sessjoni tal-logħba. Ma sseħħ l-ebda ġeolokalizzazzjoni jew ġbir ta' data. Il-logħba żżomm żewġ biċċiet ta' informazzjoni fuq il-localhost tal-parteċipant: il-**PlayerID** li tkun ġiet assenjata b'mod arbitrarju u l-**istat** tal-logħba.

Biex il-logħba taħdem sew, din tuża **localStorage data** (dokument illoadjat fil-brawżer), li jitnaddaf u jitħassar wara li l-logħba tkun spiċċat jew wara li jgħaddu 12-il minuta u ħadd ma jkun għamel xejn fil-logħba.

Il-**localStorage** data hija mfasla biex tibqa' "**local**". Dan ifisser li d-data maħżuna ma tintbagħatx lil xi server ieħor minn fuq in-network. Il-**localStorage** hija persistenti, jiġifieri jekk il-parteċipant jagħlaq il-brawżer, is-sessjoni tal-logħba tista' titkompla, sakemm qabel ma tkunx infetħet b'mod anonimu jew bil-modalità incognito.

3. Kif tilgħab il-logħba

3.1 Id-daqs tal-grupp




Stampa tal-karattri kollha tal-logħba flimkien bħala grupp

Id-daqs rakkomandat tal-grupp huwa bejn 16 u 28 parteċipant għall-aħjar esperjenza tal-logħba. B'kollox, il-logħba jista' jkollha bejn 12 u 40 parteċipant.

3.2 Kemm iddum il-logħba

Il-logħba ddum madwar 60 minuta.

Jaf titħajjar iżżid 30 minuta għal sessjoni ta' debriefing.



3.3 Farsa ġenerali



Il-logħba tar-rwoli virtwali hija maħsuba biex tintlagħab bil-faċilitatur u l-parteċipanti fl-istess spazju fiżiku u mqabbdin mal-logħba bl-internet fuq l-apparati tagħhom.

Hawn taħt se ssib informazzjoni dwar kif tipprepara l-isparju fiżiku, kif ukoll il-passi tekniċi meħtieġa biex tibda l-logħba.

Matul il-logħba, il-parteċipanti se jintalbu jpoġġu fi tliet modi differenti skont l-attività (eż. diskussjoni, votazzjoni):

- **Il-gruppi politiċi:** fil-bidu tal-logħba, il-parteċipanti huma assenjati b'mod arbitrarju f'erba' gruppi politiċi differenti (**Solidarjetà, Ekoloġija, Tradizzjoni u Libertà**). Fi stadji differenti tal-logħba, il-parteċipanti jridu jingħaqdu mal-membri sħabhom tal-grupp politiku tagħhom sabiex jiddiskutu kif se jivvutaw.
- **Il-gruppi tal-kumitati:** il-parteċipanti jiġu mqasma b'mod arbitrarju f'żewġ gruppi tal-kumitati sabiex jiddibattu u jivvutaw fuq l-emendi assenjati.
- **Il-Plenarja:** il-parteċipanti jpoġġu kollha flimkien (eż. f'ċirku kbir) sabiex jiddibattu u jivvutaw. Din il-fażi tiġri darbtejn matul il-logħba. L-ewwel darba, il-kelliem magħżul għal kull grupp politiku se jkun mistieden jitkellem u jikkonvinċi lill-Membri sħabu kif għandhom jiproċedu.

3. Kif tilgħab il-logħba



3.4 Kif tarma l-kamra

Minħabba l-modi differenti kif iridu jpoġġu l-parteċipanti, uża kamra li faċli ddawwar fiha, u li hi spazjuża biżżejjed biex takkomoda lill-parteċipanti kollha b'kumdità.

Ikunu fejn ikunu bilqiegħda l-parteċipanti, huma għandhom ikunu jistgħu jaraw l-iskrin tal-faċilitatur u jsegwu l-istruzzjonijiet il-ħin kollu. Il-faċilitatur għandu dejjem ikun jaf kif inhu mqassam il-grupp, u jkun jaf il-profilu tal-parteċipanti ħalli jkun jista' jgħinjom f'li jkollhom b'zonn.

Minħabba dak imsemmi hawn fuq, ara r-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt.

- Il-kamra għandu jkollha konnessjoni stabbli tal-Wi-Fi, sabiex il-parteċipanti kollha jkunu jistgħu jaqbd u fl-istess ħin u jibqgħu konnessi matul il-logħba (sakemm ma jaqbdux bid-data tagħhom stess).
- Għandu jkun hemm skrin kbir li jista' jitqabbd ma' kompjuter u li jkun viżibbli għall-parteċipanti kollha.
- Għandu jkun hemm biżżejjed spazju biex il-parteċipanti jkunu jistgħu jinqasmu faċilment u jingħaqdu fi gruppi differenti. L-għamara għandha tkun tista' titranġa faċilment ukoll.

- Għandu jkun hemm tal-anqas post wieħed għal kull parteċipant fejn ipoġġi (mhux bilfors siġġu: cushions, banketti, eċċ.)
- Idealment, il-logħba tibda bil-grupp bilqiegħda f'ċirku kbir biex il-parteċipanti jkunu jistgħu jaraw lil xulxin.
- Il-kamra għandha tinqasam f'erba' żoni differenti, li jirrappreżentaw lill-erba' gruppi politiċi, u b'tali mod li l-parteċipanti jkunu jistgħu jaraw l-iskrin tal-faċilitatur il-ħin kollu u b'mod li l-gruppi l-oħra ma jtellfuhomx. Iż-żoni għandhom ikunu kbar biżżejjed biex f'kull waħda jkun hemm kwart tal-parteċipanti.
- Għandu jkun hemm żewġ żoni apposta għall-gruppi tal-kumitati. Dawn iż-żoni jistgħu jinkludu wkoll iż-żoni għall-gruppi politiċi. Iż-żoni għandhom ikunu kbar biżżejjed biex f'kull waħda joqogħdu nofs il-parteċipanti.
- Il-kelliema magħżulin għandu jkollhom post minn fejn jistgħu jindirizzaw lill-parteċipanti kollha. Jista' jkun l-istess post għall-kelliema kollha. Jekk il-grupp ipoġġi f'ċirku kbir, il-kelliema jistgħu sempliċiment iqumu bilwieqfa u jatkellmu.
- Kull grupp politiku għandu jkollu biex jikteb u kards tal-attivitajiet (ara l-**Anness II**) biex il-parteċipanti jiktbu l-argumenti u l-punti li jridu jqajmu.

IMPORTANTI! Jekk mhux possibbli tarma l-kamra bil-mod ideali, ħossok liberu li tkun kreattiv, iżda ara li l-iskrin tal-faċilitatur ikun viżibbli għall-parteċipanti l-ħin kollu matul il-logħba.

3. Kif tilgħab il-logħba

3.5 Il-materjal meħtieġ


Il-logħba tar-rwoli virtwali tista' tintlagħab mingħajr ebda materjal addizzjonali. Madankollu, biex il-parteċipanti jkollhom l-aħjar esperjenza possibbli, huma rakkomandati dawn l-affarijiet:

- pinna għal kull parteċipant;
- tape u mqass;
- printer;
- kards tal-attivitajiet biex tipprepara n-negozjati u l-punti ta' diskussjoni (ipprovduti fl-Anness II);
- l-emblemi tal-gruppi politiċi u s-sinjali tal-kumitati stampati (ipprovduti fl-Anness II) sabiex timmarka ż-żoni fil-kamra;
- kodiċi QR biex il-parteċipanti jaqdbu mal-logħba faċilment (ipprovdut fl-Anness II);
- formoli ta' feedback/evalwazzjoni (ipprovduti fl-Anness I).



Stampa ta' karattru fil-logħba: żagħżugħa li hi voluntiera ma' flimkien.eu, liebsa nuċċali tal-vista

3.6 Il-preparazzjoni teknika



Biex tmexxi l-logħba għandek bżonn: apparat imqabbad mal-internet, bħal **laptop**, **kompjuter** jew **tablet** b'konnessjoni broadband ta' mill-anqas **5 Mbps**;

- **monitor**, **projector** jew **televixin** imqabbad u kbir biżżejjed biex jarawh il-parteċipanti kollha, b'riżoluzzjoni tal-iskrin ta' mill-anqas **1280 x 720px**, għall-aħjar esperjenza;
- brawżer modern, bħal:
 - **Chrome 96** u aktar modern minnu,
 - **Firefox 95.0** u aktar modern minnu,
 - **Safari 15** u aktar modern minnu,
 - **Edge 96.0** u aktar modern minnu.

Il-parteċipanti jrid ikollhom l-apparat tagħhom stess imqabbad mal-internet, bħal **smartphone**, **tablet** jew **laptop**.

3. Kif tilgħab il-logħba

3.7 Kif tibda l-logħba

Biex tibda l-logħba bħala faċilitatur, mur fuq <https://virtual-role-play-game.digital-journey.europarl.europa.eu/#/> u agħfas **"Logħba ġdida"**. Se tintalab tagħżel xenarju, u mbagħad jitfaċċa skrin biex tingħaqad mal-logħba u **kodiċi tal-kamra**. Agħti dan il-kodiċi lill-parteċipanti li trid li jingħaqdu mal-logħba tiegħek.

Il-parteċipanti jistgħu jingħaqdu mal-logħba billi jidħlu fuq <https://virtual-role-play-game.digital-journey.europarl.europa.eu/#/> (jew billi jiskennjaw il-kodiċi QR ipprovdut fl-**Anness II**) u jagħfsu **"Idħol fil-logħba"**. Huma se jintalbu jdaħħlu l-kodiċi tal-kamra, li jidher fuq l-iskrin tal-faċilitatur.

Ladarba jkun daħal kulħadd, agħfas **"Ibda"** biex tibda l-logħba. Il-logħba ġeneralment se taħdem b'mod awtomatiku, iżda tirrikjedi li l-faċilitatur jibda d-diskussjonijiet fil-kamra u l-votazzjonijiet. Sabiex ngħinu lill-faċilitatur f'din il-biċċa xogħol, ħloqna taqsima f'din il-gwida li jisimha **"Pass pass"** li tagħtik ħarsa ġenerali dettaljata tas-sekwenzi tal-logħba u s-suġġerimenti tagħna għal kif tmexxi l-logħba.

Importanti! Bħala faċilitatur, tista' twaqqaf il-logħba għal ftit u tqabbeż biċċiet minnha u diskussjonijiet bil-ħin, inkluża l-votazzjoni. Imma ftakar, ma tistax tmur lura għal sekwenzi li tkun qabbiżt jew li jkunu diġà ntlagħbu!

Jekk tingħata' l-konnessjoni ta' parteċipant

Jekk parteċipant tingħata' l-konnessjoni mil-logħba għax jagħlaq il-brawżer bi żball, jitlef il-konnessjoni tal-internet jew xi ħaġa simili, huwa jista' jerġa' jingħaqad billi jmur lura fuq <https://virtual-role-play-game.digital-journey.europarl.europa.eu/#/> u jagħfas **"Ingħaqad"**.

Jekk jitlef il-konnessjoni għal inqas minn 12-il minuta, il-parteċipant għandu jkun jista' jerġa' jingħaqad bħala l-istess **MPE**.

Jekk ma jagħfas xejn jew jitlef il-konnessjoni għal aktar minn 12-il minuta, il-parteċipant ma jkunx jista' jerġa' jidħol bl-istess isem, u jaf jiġi assenjat fi grupp politiku differenti.

Jekk il-logħba tkun trid tinbeda mill-ġdid

Jekk għal kwalunkwe raġuni, il-logħba tkun trid tinbeda mill-ġdid, qis li tagħlaq il-brawżer li tkun qed tuża u itlob lill-parteċipanti jagħmlu l-istess. Sessjoni ġdida tal-logħba tista' tinbeda 3 minuti wara li tingħalaq is-sessjoni ta' qabel.



4. Il-logħba spjegata pass pass

Sabiex ngħinu lill-faċilitatur f'xogħlu, hawn hi ħarsa ġenerali lejn kull fażi tal-logħba, inklużi ħjiliet għan-navigazzjoni u biex tmexxi l-logħba, kif ukoll pariri dwar kif l-aħjar li jiġu organizzati s-sessjoni u l-ispazju.

B'mod ġenerali, minħabba n-natura immersiva tal-logħba, nirrakkomandaw li tħeġġeġ lill-parteċipanti jżommu l-mistoqsijiet tagħhom għal wara, pereżempju għal waqt is-sessjoni ta' debriefing.

Il-logħba hija mfasla biex taħdem waħedha, billi l-karattri ewlenin – **Marie, il-President tal-Parlament Ewropew, u Conor, il-President tal-Kumitat ENVI** – qed jiggwidaw lill-parteċipanti pass pass. Ir-rwol tal-faċilitatur huwa l-aktar li jiżgura li l-parteċipanti għandhom l-ispazju, il-materjal addizzjonali u l-appoġġ tekniku meħtieġ sabiex jidħlu aktar fir-rwol tagħhom bħala **MPE**. F'xi waqtiet, il-parteċipanti jaf ikollhom bżonn ftit inkoraġġiment bħal fid-dibattiti u d-diskorsi, u sabiex jilħqu kompromessi għall-benefiċċju taċ-ċittadini tal-UE.

L-uniċi affarijiet li jrid jagħmel il-faċilitatur fuq l-iskrin huma li jibda d-diskussjonijiet bil-ħin, is-sessjonijietta' votazzjonius-sekwenzital-logħba (se jidhru avviżi fuq l-iskrin tal-faċilitatur). Il-faċilitatur jista' jwaqqaf is-sessjonijiet bil-ħin għal ftit jew iqassarhom xħin irid bil-buttuni apposta fin-naħa t'isfel fuq ix-xellug tal-iskrin. Madankollu, mhuwiex possibbli li tmur lura għal sekwenzi li jkunu tqassru jew intlagħbu diġà.



Tlaqna!

Stampa tal-karattru tal-President tal-Parlament Ewropew (verżjoni tal-logħba): mara ta' mezz'età, iżżomm fajls bil-karti f'idejha

4. Il-logħba spjegata pass pass

4.1 Biex tibda l-logħba

Wara li tagħfas **"Logħba ġdida"** u tagħżel xenarju, għid lill-parteċipanti jidħlu fil-logħba permezz tal-URL <https://virtual-role-play-game.digital-journey.europarl.europa.eu/#/>, jew billi jiskennjaw il-kodiċi QR li jinsab fl-**Anness II**. F'dan l-istadju, il-parteċipanti jiġu assenjati isem, pajjiż ta' oriġini u grupp politiku fittizju ta' **MPE**.

4.2 Introduzzjoni għall-proposta għal liġi u l-ispjega dwar il-logħba

Wara li l-parteċipanti kollha jkunu daħlu fil-logħba, **Marie, il-President tal-Parlament Ewropew**, se tilqagħhom bħala **MPE** eletti ġodda. Wara li l-faċilitatur jagħfas **"Tlaqna"**, Marie tippreżenta d-dettalji tal-proposta leġiżlattiva li se jiddiskutu l-MPE, kif ukoll xi aspetti tal-logħba.

4.3 Introduzzjoni għall-gruppi politiċi

F'din il-fażi, il-parteċipanti għandhom jingħaqdu fil-gruppi politiċi li ġew assenjati fihom. Il-parteċipanti jiġu assenjati fil-gruppi b'mod arbitrarju u ma jistgħux ibiddlu l-grupp politiku tagħhom ladarba jkunu ġew assenjati. Jekk taħseb li jaf ikun diffiċli għall-parteċipanti li jirrappreżentaw opinjonijiet differenti minn kif jaħsbuha huma, huwa rakkomandat li torganizza sessjoni qabel il-logħba biex il-parteċipanti jipprattikaw li jieħdu rwol ieħor. Tista' ssib xi attivitajiet suġġeriti fit-taqsimha **"Qabel il-logħba"**.

Dar bħala l-emblema tal-grupp politiku fittizju Tradizzjoni



Dar/Tradizzjoni

Qalb bħala l-emblema tal-grupp politiku fittizju Solidarjeta



Qalb/Solidarjeta

Siġra bħala l-emblema tal-grupp politiku fittizju Ekoloġija



Siġra/Ekoloġija

Globu bħala l-emblema tal-grupp politiku fittizju Libertà



Globu/Libertà

Biex tipprepara għal din il-fażi, ikun ideali li jkollok il-kamra diġà maqsuma f'erba' spazji differenti mmarkati bl-emblemi tal-gruppi politiċi (Anness II). Il-faċilitatur għandu jgħid lill-parteċipanti jmorru fiż-żona tal-grupp politiku tagħhom, isiru jafu lil sħabhom tal-grupp politiku u jibdeu jesploraw il-manifest tal-grupp politiku tagħhom, il-pożizzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati tagħhom, u l-emendi. Jekk il-ħin jippermetti, il-parteċipanti huma mħeġġa jaqraw il-materjal tal-gruppi l-oħra wkoll. Fl-istess menù, fir-rokna tan-naħa t'isfel fuq ix-xellug tal-apparat tagħhom, il-parteċipanti jistgħu jsibu wkoll ir-regoli tal-logħba.

Huwa rakkomandat li l-faċilitatur iħeġġeġ lill-parteċipanti jużaw il-kards tal-attivitajiet biex iniżżlu l-emendi tagħhom u informazzjoni utli oħra, anke biex jesploraw ma' liema grupp politiku jaf jilħqu kompromess.

4. Il-logħba spjegata pass pass

4.4

Introduzzjoni għall-gruppi tal-kumitati u l-votazzjoni

Wara li jiffamiljarizzaw ruħhom mal-materjal ta' appoġġ tal-gruppi politiċi tagħhom, il-parteciċipanti jiġu introdotti għar-rwol tal-kumitati parlamentari u mbagħad jiġu assenjati f'wieħed miż-żewġ gruppi tal-kumitati. Għal din il-fażi, huwa rakkomandat li l-ispazju jinqasam għaż-żewġ gruppi, u li ż-żoni jiġu mmarkati b'tabelli li jgħidu "Il-grupp tal-Kumitat 1" u "Il-grupp tal-Kumitat 2)" (Anness II). Billi x-xogħol tal-kumitati u dak tal-gruppi politiċi huwa differenti matul il-logħba, il-kamra tista' tinqasam fi tnejn, u dan jinkludi ż-żoni diġà assenjati lill-gruppi politiċi.

Il-parteciċipanti fil-gruppi tal-kumitati rispettivi tagħhom huma mistiedna jiddiskutu, isibu kompromess u mbagħad jivvutaw fuq tnejn (minn erba') emendi biex iressquhom fil-plenarja. Innota li kull grupp tal-kumitat se jkun ippreżentat b'sensiela ta' emendi differenti: tmien emendi b'kollox, erbgħa għal kull grupp tal-kumitat, imma kull grupp jista' jressaq fil-plenarja żewġ emendi biss. Matul il-fażi tad-diskussjoni, jaf tkun trid tħeġġeġ lill-parteciċipanti jintervjenu u jiddiskutu mal-oħrajn b'mod rispettuż. Il-kards tal-attivitajiet (Anness II) jaf ikunu utli għal dan!

Matul il-fażi tal-votazzjoni, fakkar lill-parteciċipanti jsegwu l-istruzzjonijiet fuq l-apparati tagħhom u jivvutaw għal massimu ta' żewġ emendi. Huma jistgħu wkoll jastjenu jew jirrifjutaw l-emendi kollha. Il-voti li ma jiddaħħlux qabel jiskadi l-ħin se jingħaddu awtomatikament bħala astensjoni. Il-parteciċipanti jridu jagħfsu "Itfa' l-vot" biex jingħaddu l-voti tagħhom.

Meta jiskadi l-ħin, ir-riżultati tal-votazzjoni se jintwerew fuq l-iskrin tal-faċilitatur. Jekk l-ebda emenda ma tirċievi maġġoranza ta' voti, ara t-taqsima 4.10 ("F'każ ta' rifjut").

4.5

Id-diskussjoni fil-gruppi politiċi



Dar/ Tradizzjoni



Siġra/Ekoloġija



Qalb/Solidarjetà



Globu/Libertà

Il-parteciċipanti huma mistiedna jerġgħu jingħaqdu mal-gruppi politiċi tagħhom biex jiddiskutu l-emendi li jkunu għaddew, kif jivvutaw fil-plenarja u kif jipperswadu MPE oħra biex jappoġġjaw il-pożizzjoni tagħhom. F'dan l-istadju, il-parteciċipanti huma mistiedna wkoll jinnominaw kelliem. Hija idea tajba li tfakkar lill-parteciċipanti biex jippreparaw punti għat-taħdit ħalli jippreżentaw l-opinjoni tal-grupp tagħhom dwar il-proposta leġislattiva.

Ħeġġeġ lill-parteciċipanti jużaw il-kards tal-attivitajiet (Anness II) biex jippreparaw il-punti u l-argumenti tagħhom għat-taħdit.

4. Il-logħba spjegata pass pass

4.6 Id-diskussjoni fil- plenarja u l-votazzjoni, l-ewwel parti

Il-parteċipanti huma mistiedna jissieħbu fis-sessjoni plenarja – agħtihom struzzjonijiet biex ipoġġu f'ċirku kbir sabiex kulħadd ikun jista' jara kemm l-iskrin tal-faċilitatur kif ukoll l-uċuħ ta' xulxin. Għalkemm it-tqassim tal-plenarja tal-Parlament Ewropew huwa differenti, ċirku kbir se jiżgura approċċ aktar parteċipattiv u faċli għad-diskussjonijiet. Il-parti ċentrali taċ-ċirku tista' tintuża bħala l-“palk” għall-kelliema u għal kwalunkwe Membru ieħor li jixtieq jitkellem. Fil-fatt, wara li kull kelliem ikun ippreżenta l-pożizzjoni tal-grupp tiegħu, kif imħeġġeġ mil-logħba, kwalunkwe Membru ieħor jista' jitkellem biex iżid mad-dibattitu.

Bħala faċilitatur, kun żgur li kull grupp u Membru interessat jgħidu tagħhom fil-ħin allokat mil-logħba.

Ladarba jintemm il-ħin għad-diskorsi, il-logħba tiftaħ is-sessjoni ta' votazzjoni. Il-parteċipanti se jiġu mistiedna l-ewwel jivvutaw emenda emenda, bħalma jagħmlu l-MPE fil-ħajja reali (jaċċettaw, jirrifjutaw, jastjenu), u mbagħad jivvutaw għall-proposta kollha kemm hi.

Ir-riżultati se jintwerew fuq l-iskrin, u l-parteċipanti se jkunu jistgħu jaraw jekk il-ħiliet ta' negozjar tagħhom kinux effettivi.

Jekk il-pożizzjoni tgħaddi, Marie tgħaddiha lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

F'każ ta' rifjut, mur fit-taqsima 4.10 (“F'każ ta' rifjut”).



Stampa tal-Membri tal-Parlament Ewropew bilqiegħda u jivvutaw billi jgħollu jdejhom waqt sessjoni plenarja

4. Il-logħba spjegata pass pass

4.7 Żvolta kbira

Avveniment mhux mistenni li jaffettwa s-soċjeta jħeġġeġ lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea biex jemenda b'mod sinifikanti l-pożizzjoni tal-Parlament. Il-parteċipanti issa huma obbligati li jikkunsidraw mill-ġdid il-pożizzjonijiet u l-istrateġiji tagħhom u jikkunsidraw li jikkompromettu.

4.8 Is-sessjoni plenarja u l-votazzjoni, it-tieni parti

Filwaqt li l-parteċipanti jkunu għadhom bilqiegħda f'ċirku kbir, tibda sessjoni ta' diskussjoni biex il-MPE jkunu jistgħu jaqblu fuq il-pass li jmiss: jappoġġjaw l-emendi tal-Kunsill, imorru lura għall-pożizzjoni oriġinali tal-Parlament, jew jappoġġjaw emenda ta' kompromess. Il-parteċipanti se jiġu mfakkra li r-rwol tagħhom huwa li jaħdmu fl-aħjar interessi taċ-ċittadini tal-UE.

Ladarba jispiċċa l-ħin, Marie tħabbar jekk il-liġi għaddietx jew le.

4.9 Ir-reazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u r-riżultati tal-logħba

Wara li jitħabbru r-riżultati, il-parteċipanti se jsiru jafu l-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati dwar ir-riżultat u kif dan jaffettwa ħajjithom.

Ir-riżultati tal-logħba se juru l-informazzjoni dwar:

- l-emendi li rċevew l-aktar appoġġ ġenerali;
- il-grupp politiku li ġab l-aħjar riżultat għall-partijiet ikkonċernati tiegħu.

Kemm ir-riżultati tal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll ir-riżultati tal-logħba huma informazzjoni interessanti għas-sessjoni ta' debriefing.

4.10 F'każ ta' rifjut

Jekk l-ebda emenda ma tirċievi maġġoranza fil-kumitat jew ma tgħaddix fi kwalunkwe waħda miż-żewġ fażijiet plenarji, Marie tħabbar li l-proposta ma tistax timxi 'l quddiem. Il-parteċipanti se jintwerew ir-reazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, u l-kelliema tal-gruppi politiċi mbaġħad jintalbu jindirizzaw lill-media f'konferenza stampa ddedikata biex jipprovdu tweġibiet għat-tħassib tal-pubbliku.

F'dan il-każ, il-parteċipanti jistgħu jużaw il-kards tal-attivitajiet (Anness II) biex jippreparaw id-diskorsi tagħhom u jindirizzaw it-tħassib dwar in-nuqqas ta' kompromess.

5. Qabel il-logħba

Il-logħba tar- rwoli virtwali tista' tintlagħab mingħajr ebda preparazzjoni mill-parteċipanti.

5.1 Kif nirrappreżenta opinjonijiet differenti minn kif naħsibha jien?

Fil-logħba, il-parteċipanti jiġu assenjati b'mod arbitrarju lil grupp politiku. Dan ifisser li jistgħu jispiċċaw ikollhom bżonn jirrappreżentaw opinjonijiet u pożizzjonijiet li huma differenti minn tagħhom stess. Mhix biċċa xogħol faċli għal kulħadd. Jekk tixtieq tipprepara l-grupp tiegħek għal biċċa xogħol bħal din, nirrakkomandawlek torganizza sessjoni għall-parteċipanti biex jiddibattu dwar suġġetti differenti wara l-manifesti tal-gruppi politiċi.

L-għan tal-eżerċizzju huwa li jiġi żgurat li l-parteċipanti futuri jkunu komdi meta jirrappreżentaw opinjonijiet differenti.

- Qassam lill-parteċipanti f'erba' gruppi iżgħar (Tradizzjoni/Ekoloġija/Solidarjetà/Libertà) b'numru ndaq ta' parteċipanti.
- Agħti lil kull wieħed mill-gruppi verżjoni stampata tal-manifest tagħhom u agħtihom 10 minuti biex jaqraw u jiddiskutu l-valuri tal-grupp tagħhom.
- Ipprepara l-kards b'suġġetti li ssib rilevanti għad-diskussjoni u staqsi lil wieħed mill-parteċipanti biex jagħżel suġġett b'mod arbitrarju mingħajr ma jara l-kontenut.

Madankollu, skont kemm diġà jkunu jafu dwar il-Parlament Ewropew u l-Unjoni Ewropea, jista' jkun utli li tiġi organizzata sessjoni preparatorja waħda jew aktar dwar is-suġġetti li ġejjin:

- Kif nirrappreżenta opinjonijiet differenti minn kif naħsibha jien?
- Insiru nafu l-Unjoni Ewropea
- Insiru nafu l-Parlament Ewropew

- Ladarba s-suġġett tad-dibattitu jkun intgħażel, agħti lill-parteċipanti 10 minuti biex jippreparaw l-argumenti skont il-manifesti assenjati lilhom. Ħeġġeġ lill-parteċipanti jużaw il-kards tal-attivitajiet (**Anness II**) biex jippreparaw l-argumenti u d-diskorsi tagħhom.

- Itlob lill-parteċipanti jpoġġu f'ċirku filwaqt li inti taġixxi bħala moderatur għad-dibattitu. Prepara minn tlieta sa ħames mistoqsijiet relatati mas-suġġett tad-dibattitu. L-ewwel nett, agħti lil kull wieħed mill-gruppi minuta biex jippreżentaw il-pożizzjoni ġenerali tagħhom dwar is-suġġett, imbagħad ibda sett ta' mistoqsijiet, filwaqt li tagħti lil kull wieħed mill-gruppi l-opportunità li jwieġeb. Alloka 20 minuta għad-dibattitu.

- Ikkonkludi d-dibattitu billi tiringrazzja lil kull min ipparteċipa.

- Ibda s-sessjoni ta' debriefing billi ssaqsi lill-parteċipanti:

1. Kemm kien diffiċli (jew faċli) għalik li tirrappreżenta opinjonijiet li jistgħu jkunu differenti minn tiegħek?

2. X'tgħallimt minn din l-esperjenza?

3. X'tagħmel differenti darb'oħra?

Alloka 15-il minuta għal din il-parti tas-sessjoni.

5. Qabel il-logħba

Il-manifesti



Dar bħala l-emblema tal-grupp politiku fittizju Tradizzjoni

Dar/Tradizzjoni

Irridu nippreservaw l-istabbiltà billi niddefendu l-valuri tradizzjonali u l-pilastri tas-soċjetà, bħall-bdiewa.

Nemmnu li l-indħil tas-soċjetà moderna u tal-gvern huma theddida għat-tradizzjoni.

Nappoġġjaw l-azzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri meta ma jikkawżawx tibdil enormi u meta ma jiswewx wisq flus.



Qalb bħala l-emblema tal-grupp politiku fittizju Solidarjetà

Qalb/Solidarjetà

Irridu soċjetà ġusta bbażata fuq is-solidarjetà li tappoġġja b'mod attiv lil min hu fqir u vulnerabbli.

Inħeġġu lill-UE u lill-Istati Membri jintervjenu biex jiżguraw aċċess ugwali għal kulħadd għad-drittijiet bażiċi, bħas-saħħa, l-impjieg u l-edukazzjoni.

Nemmnu li l-ġid aħħari ta' kulħadd għandu dejjem ikun aktar importanti mil-libertà personali.



Dar bħala l-emblema tal-grupp politiku fittizju Tradizzjoni

Siġra/Ekoloġija

Nemmnu li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-ħarsien tal-ambjent huma prijoritajiet li l-UE u l-Istati Membri għandhom jiddefendu u jinvestu fihom.

Nemmnu li s-solidarjetà u l-libertà personali qatt m'għandhom jiġu mhedda.

Nemmnu li s-soċjetà trid tnaqqas il-konsum u li min iniġġes għandu jgħorr ir-responsabbiltà.



Globu bħala l-emblema tal-grupp politiku fittizju Libertà

Globu/Libertà

Nappoġġjaw lin-negozji u l-innovazzjoni. Dawn huma l-bażi ta' soċjetà b'saħħitha u li qed tikber.

Nemmnu li l-libertà personali dejjem għandha tiġi protetta.

Nemmnu li l-UE u l-Istati Membri għandhom iħallu lin-negozji ċertu livell ta' flessibbiltà dwar kif għandhom jindirizzaw l-isfidi.

5. Qabel il-logħba

5.2

Insiru nafu l-Unjoni Ewropea

Huwa importanti li wieħed ikun jaf il-pedamenti, il-valuri, l-istorja u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. L-attivitajiet issuġġeriti hawn taħt jintroduċu l-aktar kunċetti importanti relatati mal-UE lill-parteċipanti b'mod divertenti u li jinvolti lil dak li jkun, peress li huma bbażati fuq metodoloġija ta' "tagħlim ibbażat fuq il-logħob".

Dawn l-attivitajiet inħolqu għall-klassijiet tal-iskejjel bħala parti mill-għodda edukattiva "Europe@ school – Lezzjonijiet Attivi dwar l-Unjoni Ewropea" u l-Programm "Skola Ambaxxatriċi tal-Parlament Ewropew" (EPAS), iżda jistgħu jintużaw ukoll fi kwalunkwe sitwazzjoni edukattiva oħra.

Biex tgħin lill-parteċipanti jippreparaw għall-esperjenza tal-logħba tar-rwoli virtwali, nirrakkomandaw il-moduli li ġejjin:

- L-Istati Membri tal-UE (Modulu 2)
- Storja u fatti dwar l-UE (Modulu 3)
- L-UE fil-ħajja ta' kuljum (Modulu 4)
- Il-valuri tal-UE (Modulu 5)

Il-kontenut kollu tal-modulu huwa disponibbli [hawnhekk](#):

Kull modulu fih linji gwida u materjal biex jappoġġja lill-faċilitaturi. L-attivitajiet idumu bejn 20 u 40 minuta. Barra minn hekk, tista' tirreferi għall-filmati qosra animati li ġejjin (kull wieħed inqas minn minuta) magħmula mill-Parlament Ewropew.

Ikklikkja l-kaxxi biex tiskopri:



X'inhil l-UE?

X'inhuma l-valuri tal-UE?

X'poteri għandha l-UE?

X'inhuwa s-suq uniku tal-UE?

Il-benefiċċji tal-Unjoni Ewropea

X'qatt għamlet għalija l-UE?

Lili x'tagħtini l-UE?

Kemm tiswieni l-UE?

L-UE għadha relevanti?

5. Qabel il-logħba

5.3 Insiru nafu l-Parlament Ewropew

Il-logħba tar-rwoli virtwali tiffoka fuq il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u verżjoni simplifikata tal-proċedura leġiżlattiva tal-UE. Biex nifhmu aħjar il-Parlament – kif jaħdem, l-istruttura tiegħu u kif il-MPE jirrappreżentaw liċ-ċittadini tal-UE – hawnhekk hawn xi riżorsi biex jgħinu lill-parteċipanti jespandu l-għarfien tagħhom u jieħdu kemm jistgħu mil-logħba:

- **filmati qosra dwar kif jaħdem il-Parlament**
- **il-Vjaġġ Diġitali għol-Parlament Ewropew**

Madankollu, flossok liberu li tuża r-riżorsi l-aktar xierqa għas-sitwazzjoni tiegħek – bħala attività individwali jew fi grupp segwita minn kwiżż, bħala introduzzjoni għal dibattitu jew bħala parti mill-perkors ġenerali ta' tagħlim dwar il-Parlament.



Stampa tal-bini tal-Parlament
Ewropew fi Strażburgu

5. Qabel il-logħba

5.3.1

X'inhw l-Parlament Ewropew u kif jaħdem?

Il-Parlament Ewropew ħoloq numru ta' filmati qosra (kull wieħed inqas minn minuta) li jispjegaw b'mod sempliċi u divertenti x'inhw u kif jaħdem.

Nirrakkomandaw li l-parteċipanti jaraw mill-inqas il-filmati li ġejjin:



X'inhw l-Parlament Ewropew?

L-elezzjonijiet Ewropej: kif taħdem il-votazzjoni?

Il-MPE kif jirrappreżentawni?

Kif tista' ssemma' leħnek?

Il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE

5.3.2

Il-Vjaġġ Diġitali ġol-Parlament Ewropew

Il-kwartieri ġenerali tal-Parlament Ewropew jinsabu fi Brussell, Strażburgu u l-Lussemburgu. Il-Parlament għandu wkoll network ta' wirjiet multimedjali interattivi msejġha **"Europa Experience"** madwar l-Ewropa (skopri aktar [hawnhekk](#)).

Madankollu, mhux kull ċittadin tal-UE jista' jżur il-Parlament jew is-siti l-oħra tiegħu madwar l-Ewropa. Għalhekk żviluppajna sett addizzjonali ta' għodod biex jikkumplementaw l-għażliet li wieħed iżur b'mod fiżiku u biex iqarrbu lill-Parlament lejn in-nies fi djarhom, fl-iskejjel u fil-komunitajiet tagħhom.

Il-Vjaġġ Diġitali ġol-Parlament Ewropew jikkonsisti f'erba' esperjenzi interattivi bla ħlas, disponibbli fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE. Dan għandu l-għan li jagħti lin-nies l-opportunità li jsiru jafu, jiskopru u jesploraw il-Parlament kull fejn ikunu, permezz ta' pjattaformi immersivi u interattivi.

Stampa ta' karattru tal-logħba: bidwi żagħżuġh, liebes ilbies informali, b'kappell tat-tiben fuq rasu.



5. Qabel il-logħba

Kif għandek tinkorpora dawn l-għodod fis-sessjonijiet tiegħek dwar suġġetti tal-UE:

Esperjenza l-Parlament fi 360°

Agħti l-ħajja lill-klassijiet tiegħek dwar id-demokrazija **Ewropea** billi tieħu lill-istudenti tiegħek fuq żjara virtwali fil-qalba tad-demokrazija: il-**Parlament Ewropew**.

B'din l-esperjenza, int u l-istudenti tiegħek se tkunu tistgħu timxu tul is-swali tal-Parlament Ewropew fi Brussell u fi Strażburgu, tiltaqgħu mal-President tal-**Parlament Ewropew** u l-Membri mill-gruppi politiċi differenti, u titgħallmu kif il-Parlament iwassal il-leġiżlazzjoni li taffettwa l-ħajja ta' kull persuna li tgħix fl-UE.

Kun MPE

Tixtieq tagħti lill-parteċipanti tiegħek għarfien aħjar dwar il-ħidma tal-MPE?

B'“Kun MPE” se jkunu jistgħu jiskopru b'mod dirett il-ħidma ta' MPE u jwieġbu dawn il-mistoqsijiet:

- X'jagħmel MPE fil-fatt?
- X'inhuma l-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħhom?
- Kif jinżammu responsabbli mill-pubbliku?

Żjara Virtwali ta' Dar l-Istorja Ewropea

Uri lill-istudenti tiegħek mod differenti ta' kif jesploraw l-istorja tal-Ewropa!

B'din iż-żjara virtwali ta' Dar l-Istorja Ewropea bbażata fuq il-brawżer, int u l-istudenti tiegħek tistgħu tibdew vjaġġ diġitali tul l-istorja tal-kontinent Ewropew u tesploraw l-għeruw qodma tal-popli tal-Ewropa – dak li jgħaqqadna flimkien u dak li żammna 'l bogħod minn xulxin.

Din l-għodda tista' tintuża b'mod individwali jew f'ambjent ta' klassi b'apparat imqabba mal-internet u bi skrin/projector kbir biżżejjed għall-istudenti kollha. L-educatur jaġixxi bħala l-faċilitatur u jmexxi ż-żjara, iggwidata mill-kuraturi esperti tagħna.

[Ibda ż-żjara tiegħek](#)

Din l-għodda tista' tintuża b'mod individwali jew f'ambjent ta' klassi b'apparat imqabba mal-internet u bi skrin/projector kbir biżżejjed għall-istudenti kollha. L-educatur jaġixxi bħala l-faċilitatur u jmexxi ż-żjara li ddum madwar 20 minuta.

[Ibda ż-żjara](#)

L-esperjenza tieħu madwar 10 minuti u hija disponibbli għal nuċċalijiet tar-realtà virtwali (VR) u bħala verżjoni tal-brawżer bl-istess kontenut.

[Pruvaha fil-brawżer tiegħek](#)

[Niżżel l-app tal-VR](#) bla ħlas tagħna mill-ħanut Oculus.

L-introduzzjoni tal-Vjaġġ Diġitali għol-Parlament Ewropew u l-għodod tiegħu lill-parteċipanti qabel ma jilagħbu l-logħba tar-rwoli virtwali tista' żżid mal-esperjenza immersiva u tipprovdihom fehim aħjar tal-ħidma tal-Parlament Ewropew permezz ta' tagħlim diġitali mill-esperjenza.

Ibda [l-Vjaġġ Diġitali tiegħek għol-Parlament Ewropew](#)

6. Matul il-logħba

Matul il-logħba, Marie u Conor jiggwidaw lill-parteċipanti f'kull pass.

6.1 L-affarijiet fil-prattika

L-affarijiet fil-prattika huma biċċiet ta' informazzjoni mxerrda matul il-logħba li jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar il-proċeduri istituzzjonali tal-UE u/jew jiċċaraw id-differenza bejn il-proċessi tal-logħba u dawk tal-ħajja reali.

L-affarijiet fil-prattika jidhru bħala skrin statiku fil-logħba u m'għandhom l-ebda timer. Huwa f'idejn il-faċilitatur tal-logħba biex jiddeċiedi kemm irid jiddedika ħin fuqhom. Sabiex iżżomm lill-parteċipanti involuti fil-logħba, nagħtuk parir li ma tiftaħ ebda diskussjoni fl-istadju tal-affarijiet fil-prattika iżda li tistenna għas-sessjoni ta' debriefing. Il-faċilitatur jista' jimxi aktar fil-logħba billi jikklikkja fuq "Komplu".

Hawnhekk tista' ssib il-lista sħiħa tal-affarijiet fil-prattika fil-logħba, flimkien ma' ħolqa għal informazzjoni aktar dettaljata.

Il-proċess leġislattiv tal-UE

Billi r-rwol tagħha hu li tirrappreżenta l-interessi komuni tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea għandha s-setgħa tagħmel proposti għal liġijiet.

Il-Parlament Ewropew imbagħad jaħdem flimkien mal-Kunsill tal-UE biex il-proposta ssir leġislazzjoni. Dan isir billi, fejn ikun meħtieġ, jiddaħħlu emendi għat-test u jivvutaw fuqhom sakemm jilħqu ftehim.

Aktar informazzjoni [hawnhekk](#) u [hawnhekk](#).

Xogħlok bħala faċilitatur huwa li tiżgura li l-logħba qed taħdem bla xkiel u tfakkar lill-parteċipanti jkunu konxji tal-ħin allokat għal kull biċċa xogħol. Kif imsemmi qabel, jekk tara li aktar jew inqas ħin huwa meħtieġ għal ċerti passi, inti tista' dejjem tuża l-buttni biex twaqqaf il-logħba għal ftit jew biex taqbeż biċċa, skont dak li tkun teħtieġ.

Nirrakkomandawlek issir midħla mal-karatteristiċi fil-logħba li ġejjin:

- L-affarijiet fil-prattika
- Glossarju
- Ir-regoli tal-logħba



Stampa tal-karattru tal-President tal-Parlament Ewropew (verżjoni tal-logħba): mara ta' mezz'età, iżżomm fajls bil-karti f'idejha

Stampa ta' karattru fil-logħba: il-President fittizju tal-Kumitat ENVI, żagħżuġħ liebes għlekk u ingravata

6. Matul il-logħba

Il-Gruppi Poliċi tal-Parlament Ewropew

Il-Membri tal-Parlament Ewropew ipoġġu fi gruppi poliċi organizzati skont l-affiljazzjoni politika, u mhux skont in-nazzjonalità. Bħalissa hemm 7 gruppi poliċi fil-Parlament Ewropew. Għalkemm il-Membri ma jistgħux ikunu f'aktar minn grupp politiku wieħed, huma jistgħu jiddeċiedu li ma jallinjaw ma' ebda grupp u huma magħrufa bħala "mhux affiljati".

[Aktar informazzjoni fuq](#)

L-elezzjonijiet Ewropej

Il-Membri tal-Parlament Ewropew jiġu eletti miċ-ċittadini tal-UE kull ħames snin. Il-Parlament Ewropew huwa l-vuċi tagħkom u huwa l-unika istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea li tiġi eletta direttament. L-età minima biex persuna tkun tista' tivvota u toħroġ bħala kandidat hija stabbilita minn kull Stat Membru. Il-votazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej mhijiex biss id-dritt tagħkom, iżda wkoll opportunità biex issemmgħu leħinkom dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea.

Semma' leħnek u ivvota!

[Aktar informazzjoni fuq](#)

Il-Kumitat

Fil-verità, il-kumitati mhumiex maqsuma fi gruppi, imma jaħdmu bħala unità waħda. Il-President tal-Parlament Ewropew jiddeċiedi liema mill-20 kumitat permanenti se jkun qed imexxi dwar proposta partikolari tal-Kummissjoni. Il-kumitati huma stabbiliti skont politiki differenti. Żewġ kumitati jew aktar jistgħu jaħdmu flimkien fuq proposta fil-każ li dik il-proposta tkun taffettwa aktar minn qasam ta' politika wieħed.

[Aktar informazzjoni fuq](#)



Stampa ta' karattri fil-logħba: żewġ attivisti żgħażagħ favur il-klima, libsin ilbies informali, iħarsu lejn xulxin

6. Matul il-logħba

L-emendi

Fir-reatà, kull Membru tal-Parlament jista' jissuġġerixxi emendi (bidliet) għall-proposta għal liġi fil-kumitat li jagħmel parti minnu. Diversi Membri, anke dawk minn gruppi politiċi differenti, jistgħu wkoll iressqu emenda flimkien. Ladarba jiġi adottat fil-kumitat, it-test ikun għad irid jiġi approvat fil-plenarja, fejn jistgħu jiġu introdotti l-istess emendi kif ukoll emendi ġodda.

Il-votazzjoni emenda wara emenda

Fir-reatà, il-Membri tal-Parlament Ewropew jivvutaw għal darb'oħra fuq kull emenda, waħda waħda, fil-plenarja. Il-Kumitat, grupp politiku jew minn tal-inqas 40 Membru flimkien, ukoll jistgħu jressqu emendi ġodda. Ladarba jiġi adottat fil-plenarja, test xorta jkun fadallu jikseb l-approvazzjoni tal-Kunsill biex isir liġi. F'xi każijiet, il-plenarja tista' anke sempliċiment tapprova jew tiċċad il-pożizzjoni tal-Kunsill direttament.

[Aktar informazzjoni fuq](#)

Il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE

Il-Kummissjoni Ewropea tagħti bidu għall-proċedura billi tressaq proposta għal liġi tal-UE. Il-Parlament Ewropew, li jirrappreżenta liċ-ċittadini tal-UE, u l-Kunsill tal-UE, li jirrappreżenta lill-gvernijiet tal-Istati Membri, huma koleġiżlaturi: huma għandhom l-istess importanza fl-adozzjoni u l-emendi tal-liġijiet tal-UE. Il-Parlament huwa l-ewwel wieħed li jaġixxi u jista' jew jiċċad il-proposta tal-Kummissjoni, jew jaċċettaha kif inhi, inkella jemendaha. Imbagħad il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jaċċetta l-pożizzjoni tal-Parlament, u f'dak il-każ l-att leġiżlattiv jiġi adottat, inkella jista' jadotta pożizzjoni differenti. Jekk xorta jibqgħu ma jistgħux jilħqu ftehim, jidħlu fin-negożjati. Wara li dawn jiġu konklużi, iż-żewġ istituzzjonijiet jistgħu jew jivvutaw favur, inkella kontra. Il-proċess juri li mingħajr ftehim u kompromess bejn dawn iż-żewġ istituzzjonijiet, ma jkunx hemm liġijiet tal-UE.



Stampa ta' karattru fil-logħba: zaġġugħa, li tirrappreżenta l-interessi tal-konsumatur, bilqiegħda f'siġġu tar-roti

6. Matul il-logħba

It-trilogi

Ir-rieżami tal-votazzjoni dwar l-emendi s-soltu jsir fil-forma ta' trilogu. It-trilogi huma laqgħat informali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Dawn jistgħu jsiru fi kwalunkwe stadju tal-proċedura leġiżlattiva, bil-għan li jintlaħaq qbil proviżorju dwar test li jkun aċċettabbli kemm għall-Kunsill kif ukoll għall-Parlament. Fil-verità, il-Kunsill jew kwalunkwe Membru tal-Parlament jista' jipproponi emendi f'dan l-istadju. Ta' spiss idaħħlu mijiet, u saħansitra eluf ta' emendi għar-rapporti, li mbagħad issir votazzjoni fuqhom.

Aktar informazzjoni [hawnhekk](#) u [hawnhekk](#).

Il-plenarja u s-sistema ta' votazzjoni

Il-Membri tal-Parlament Ewropew jiltaqgħu medja ta' darba fix-xahar, u dan jagħmluh għas-sessjonijiet plenarji. Waqt dawn is-sessjonijiet, huma jiddibattu u jivvutaw fuq proposti għal liġijiet li jkunu ilhom jiġu ppreparati għal xhur sħaħ mill-komitati u l-gruppi politiċi. Biex tiġi adottata, proposta għal liġi trid tikseb maġġoranza ta' voti. Meta jivvutaw, il-Membri jistgħu jiddeċiedu li japprovaw, jirrifjutaw jew jastjenu. Fil-każ ta' astensjoni, il-vot ma jingħaddx għall-kalkolu tal-maġġoranza.

Ir-rifjut tal-proposta

Jekk proposta leġiżlattiva tiġi rrifjutata fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, jew il-Parlament u l-Kunsill ma jkunux jistgħu jilħqu kompromess, il-proposta ma tiġix adottata u l-proċedura tintemm.

Proċedura ġdida tista' tibda biss bi proposta ġdida mill-Kummissjoni.

Aktar informazzjoni [hawnhekk](#) u [hawnhekk](#).



Stampa ta' karattri fil-logħba: il-ministri bilqiegħda f'kamra tal-laqgħat fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

6. Matul il-logħba

6.2 Glossarju

**Il-Glossarju
tat-termini ewlenin
kollha importanti
għall-parteċipant
jista' jinstab
fil-menù fl-apparat
tal-parteċipant.**

Emenda:

Kummissarju:

**Kumitat
(Kumitat
Parlamentari):**



Stampa tal-bandiera
tal-Unjoni Ewropea bi 12-il
stilla tad-deheb f'ċirku fuq
sfond blu

Bidla, żieda jew tħassir f'test, bħal liġi.

Kummissarju huwa membru tal-Kummissjoni Ewropea, li hija l-fergħa eżekuttiva tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissarji huma responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-leġislazzjoni f'isem l-UE u jinħatru mill-gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE.

Kull Kummissarju jiġi assenjat portafoll jew qasam ta' responsabbiltà speċifiku, bħall-kummerċ, l-ambjent jew il-ġustizzja u l-konsumaturi, u dawn jaħdmu flimkien biex jiżguraw li l-UE topera b'mod effettiv u fl-aħjar interessi taċ-ċittadini tagħha.

Il-Membri tal-Parlament Ewropew huma maqsuma f'20 kumitat speċjalizzati, organizzati skont il-qasam tal-għarfien espert (eż. l-ambjent – ENVI, l-impjegi – EMPL, eċċ.). Kull kumitat jeleġġi president u sa erba' viċi presidenti.

Il-kumitati għandhom il-kompitu li jagħmlu xogħol preparatorju għas-seduti plenarji tal-Parlament. Pereżempju, huma jikkunsidraw il-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni u jipproponu bidliet fit-test biex jirriflettu l-pożizzjoni tal-Parlament. Żewġ kumitati jew aktar jistgħu jaħdmu flimkien jekk il-proposta tikkonċerna l-oqsma ta' responsabbiltà taż-żewġ gruppi.

6. Matul il-logħba

Il-Kunsill tal-UE:

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, magħruf ukoll bħala l-Kunsill, jew il-Kunsill tal-Ministri, jirrappreżenta l-gvernijiet tal-pajjiżi tal-UE.

Huwa magħmul minn ministri tal-gvern nazzjonali minn kull Stat Membru, miġbura fi gruppi skont il-qasam ta' politika, li jirrappreżentaw l-interessi ta' pajjiżhom stess fl-UE. Huwa jikkoordina l-politiki tal-Istati Membri f'oqsma speċifiċi, jiżviluppa l-politiki barranin u ta' sigurtà komuni tal-UE, jikkonkludi ftehimiet internazzjonali, u, flimkien mal-Parlament Ewropew, jiddiskuti u jadotta l-baġit tal-UE u l-liġijiet tal-UE.

Il-Kummissjoni Ewropea:

Il-Kummissjoni Ewropea tippromwovi l-interessi ġenerali tal-UE. Kull pajjiż tal-UE jinnomina Kummissarju wieħed, li jeħtieġ li jiġi approvat mill-Parlament Ewropew.

Il-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà li tippromovi liġijiet ġodda tal-UE, timplimenta l-politiki tal-UE u l-baġit, tiżgura li l-pajjiżi tal-UE jsegwu l-liġi tal-UE, u tirrappreżenta lill-UE fil-livell internazzjonali.

Il-Kunsill Ewropew:

Il-Kunsill Ewropew jirrappreżenta l-ogħla livell ta' kooperazzjoni politika bejn il-pajjiżi tal-UE. Il-laqgħat tiegħu, li jissejnu summits, isiru erba' darbiet fis-sena fi Brussell, fejn il-Kapijiet ta' Stat u l-Kapijiet ta' Gvern tal-pajjiżi kollha tal-UE, ippreseduti minn president, jistabbilixxu l-prijoritajiet ewlenin tal-UE u d-direzzjoni ġenerali tal-politika.

Il-Parlament Ewropew:

Il-Parlament Ewropew huwa l-vuċi taċ-ċittadini tal-UE u huwa l-unika istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea eletta direttament.

Fil-fatt, il-Membri tal-Parlament Ewropew (MPE) jiġu eletti direttament mill-votanti fl-Istati Membri kollha biex jirrappreżentaw l-interessi tan-nies fir-rigward tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE u biex jiżguraw li l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE jkunu qed jaħdmu b'mod demokratiku.

Leġiżlazzjoni:

It-terminu f'dan il-kontest jintuża bħala sinonimu għal liġi jew għal sett ta' liġijiet.

6. Matul il-logħba

Manifest:

Manifest huwa dikjarazzjoni pubblika tat-twemmin, l-intenzjonijiet u l-għanijiet ta' grupp, organizzazzjoni jew partit politiku. Tipikament jiddeskrivi l-valuri u l-prinċipji li jiggwidaw l-azzjonijiet u l-politiki tal-grupp, u jista' jinkludi proposti jew rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jiġu indirizzati kwistjonijiet soċjali, ekonomiċi jew politiċi.

Il-manifesti spiss jintużaw bħala għodda għall-promozzjoni u biex jikkomunikaw messaggċar u koeżiv lill-pubbliku jew lil partijiet ikkonċernati oħra. Dawn jistgħu jkunu influwenti fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattiti ta' politika, b'mod partikolari matul il-kampanji elettorali jew il-movimenti soċjali.

MPE:

MPE huwa akronimu għal "**Membru tal-Parlament Ewropew**". Il-MPE huma uffiċjali eletti li jirrappreżentaw l-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea (UE) fil-Parlament Ewropew.

Il-Parlament Ewropew huwa wieħed mill-istituzzjonijiet ewlenin tal-UE u huwa responsabbli biex jgħaddi l-liġijiet, japprova l-baġit tal-UE, u jżomm lill-istituzzjonijiet tal-UE responsabbli. Il-MPE jiġu eletti direttament f'kull Stat Membru tal-UE, u jaħdmu f'kumitati u sessjonijiet plenarji biex jiddibattu u jivvutaw dwar il-leġiżlazzjoni u kwistjonijiet oħra relatati mal-UE.

NGO:

NGO huwa akronimu għal "organizzazzjoni mhux governattiva". **NGO** hija organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li topera indipendentement mill-gvern u li normalment tkun immexxija minn għan soċjali jew politiku partikolari. L-NGOs jistgħu jiffukaw fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, fosthom l-għajnuna umanitarja, id-drittijiet tal-bniedem, il-konservazzjoni ambjentali, l-edukazzjoni u s-saħħa pubblika.

Huma ta' spiss jaħdmu biex jindirizzaw il-lakuni fis-servizzi tal-gvern jew jippromwovu bidliet fil-politika pubblika. L-NGOs jistgħu jiġu ffinanzjati permezz ta' donazzjonijiet, għotjiet jew sħubijiet ma' organizzazzjonijiet oħra, u jistgħu jaħdmu fil-livell lokali, nazzjonali jew internazzjonali.

6. Matul il-logħba

Plenarja:

Il-**plenarja**, li tissejjaħ ukoll sessjoni plenarja jew seduta plenarja, hija l-forum li fih il-Membri, li huma r-rappreżentanti eletti taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea, jiltaqgħu kollha f'daqqa biex jesprimu l-pożizzjoni tagħhom dwar il-proposti ta' liġi tal-UE.

Il-plenarja hi magħmula minn 705 Membri, affiljati ma' 7 gruppi politiċi differenti (jew mhuma affiljati ma' ebda grupp). Kull Membru huwa wkoll parti minn kumitat, skont il-qasam tal-għarfien espert tiegħu. Id-dibattiti u l-votazzjonijiet li jsiru fil-plenarja huma l-qofol tal-ħidma leġiżlattiva li ssir fil-kumitati u l-gruppi politiċi. Il-President tal-Parlament Ewropew jippresiedi s-seduti.

Grupp politiku:

Il-Membri tal-Parlament Ewropew ipogħgu fi gruppi politiċi organizzati skont l-affiljazzjoni politika, u mhux skont in-nazzjonalità. Bħalissa hemm 7 gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew. Għalkemm il-Membri ma jistgħux ikunu f'aktar minn grupp politiku wieħed, huma jistgħu jiddeċiedu li ma jallinjaw ma' ebda grupp u huma magħrufa bħala "mhux affiljati".

Parti kkonċernata:

Parti kkonċernata hija individwu, grupp ta' persuni jew organizzazzjoni li tista' tintlaqat b'mod pożittiv jew negattiv minn proġett, inizjattiva jew politika. Parti kkonċernata tista' tkun ukoll grupp jew persuni li jirrappreżentaw interessi partikolari, bħal gruppi ambjentali, NGOs, eċċ., u li jistgħu jiġu kkonsultati u/jew involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex jiġi żgurat li l-konsegwenzi kollha tad-deċiżjoni jkunu ġew ikkunsidrati.

Flimkien.eu

Flimkien.eu hija komunità pan-Ewropea li tneġġegħ lil kulħadd jipparteċipa fid-demokrazija u jieħu azzjoni lejn futur aħjar fl-Unjoni Ewropea. Din hija inizjattiva mhux partiġġjana mill-Parlament Ewropew. Il-komunità flimkien.eu tipparteċipa b'mod attiv f'attivitajiet, avvenimenti, kampanji u taħriġ dwar id-demokrazija tal-UE u torganizzahom.

Trilogu:

It-**Trilogi** huma laqgħat informali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Dawn jistgħu jsiru fi kwalunkwe stadju tal-proċedura leġiżlattiva, bl-għan li jintlaħaq qbil proviżorju dwar test li jkun aċċettabbli kemm għall-Kunsill kif ukoll għall-Parlament.

6. Matul il-logħba

6.3

Ir-regoli tal-logħba

Ir-regoli tal-logħba tista' ssibhom fil-menù tal-logħba.

Ħarsa ġenerali

Għandkom ir-rwol ta' Membru tal-Parlament Ewropew u ngħatajtu l-kompitu li tfasslu liġi Ewropea ġdida. Biex tagħmlu dan hemm bżonn li tiddibattu, tinneozjaw u tivvutaw flimkien mal-MPE sħabkom filwaqt li tikkunsidraw il-manifest tal-grupp politiku tagħkom u l-opinjoni ta' ċittadini Ewropej hekk kif il-liġi tgħaddi mill-proċess parlamentari

1. Id-dibattitu fil-kumitat u l-votazzjoni
2. Id-diskussjoni fil-grupp politiku u n-nomina tal-kelliem
3. L-ewwel dibattitu fil-plenarja u l-votazzjoni
4. It-tieni dibattitu fil-plenarja u l-votazzjoni
5. Riżultat finali: il-liġi se tgħaddi?

Id-diskussjoni fil-grupp politiku

Flimkien ma' sħabkom il-membri tal-grupp politiku, aħsbu dwar l-argumenti biex tikkonvinċu lill-gruppi l-oħra jappoġġjaw l-emendi li qed tipproponu. Xi punti ta' gwida għan-negozjati u d-dibattiti:

1. Irrispettaw l-opinjoni tal-parteciċipanti l-oħrajn u isimgħu l-argumenti tagħhom
2. Aqsmu l-argumenti tagħkom b'mod ċar u fil-qosor.
3. Fittxu soluzzjonijiet alternattivi u kompromessi.
4. Qed issawru l-futur ta' sħabkom iċ-ċittadini Ewropej: tinsewx li l-vot tagħkom se jkollu impatt fuq il-ħajjithom!



Stampa ta' kamra ta' fejn isiru l-laqqgħat fil-kumitati li tinsab vojta, fil-Parlament Ewropew

6. Matul il-logħba

Il-votazzjoni fil-kumitat

Għandkom 5 minuti ċans biex tiddeċiedu liema żewġ emendi għandhom jiġu ppreżentati fil-plenarja. Agħżlu sa żewġ emendi fuq l-iskrin tagħkom u mbagħad ivvutaw permezz tal-buttuna apposta.

Emenda tgħaddi biss jekk tirċievi vot ta' maġġoranza (aktar minn 50%) mill-grupp tal-kumitat. Minn kull grupp jistgħu jgħaddu massimu ta' żewġ emendi. Jekk aktar minn 2 emendi jiksbu l-maġġoranza, il-voti mill-MPE ta' gruppi politiċi oħra li tkunu

In-nomina ta' kelliem

Flimkien ma' sħabkom il-membri tal-grupp politiku, intom mistednin tinnominaw kelliem biex jirrappreżenta l-pożizzjoni u l-ideat kondiviżi tagħkom fil-plenarja. Tistgħu tagħmlu dan sempliċiment b'turija tal-idejn jew billi tilħqu qbil ma' sħabkom il-Membri.

Bħala kelliema, tridu tmorru fuq quddiem tal-kamra u jkollkom 30 sekonda ċans biex tippreżentaw il-pożizzjoni tagħkom u tikkonvinċu lil Membri oħra fil-plenarja. Ladarba l-gruppi kollha jkunu qalu tagħhom, kwalunkwe parteċipant ikun jista' jitkellem.

Kif għandkom titkellmu: Kunu ċari kemm jista' jkun u ippreparaw il-punti tagħkom bil-quddiem.

L-ewwel votazzjoni fil-plenarja

Intom mistednin tivvutaw dwar it-test kollu tal-liġi, inklużi l-emendi li għaddew fil-kumitat. Se jkollkom 30 sekonda biex taċċettaw, tirrifjutaw jew tastjenu mill-votazzjoni permezz tal-buttuni apposta li jidhru fuq l-iskrin tagħkom.

Il-liġi tgħaddi jekk aktar minn 50% tan-numru totali ta' parteċipanti jagħżlu li jaċċettaw il-liġi. Jekk parteċipant jastjeni, il-vot tiegħu jitneħħa min-numru totali ta' parteċipanti.

kkonvinċejtu jingħaddu bħala d-doppju.

Tkellmu biss dwar 2-3 punti:

1. **din il-liġi hija tajba/ħażina/aċċettabbli għaliex...**
2. **din il-liġi se tkun tfisser li l-ħajja taċ-ċittadini ordinarji tal-UE se tkun affettwata b'mod li...**
3. **għidu jekk il-grupp tagħkom huwiex qiegħed jappoġġja l-liġi jew le.**
4. **stiednu lil ħaddieħor jingħaqad mal-pożizzjoni tagħkom.**

It-tieni votazzjoni fil-plenarja

Issa qed tiġu ppreżentati bl-emendi introdotti mill-Kunsill, l-emendi inizjali tal-Parlament u emenda ta' kompromess alternattiva. Għandkom 30 sekonda biex tagħżlu liema verżjoni tixtiequ tappoġġjaw, jew tistgħu tagħżlu li tastjenu jew tirrifjutaw l-emenda kompletament.

L-emendi jgħaddu biss jekk għażla minnhom ikollha maġġoranza ċara. Fil-każ ta' numru ndaq ta' voti, tiġi adottata l-emenda ta' kompromess – jekk l-emenda ta' kompromess ma tkunx parti min-numru ndaq ta' voti, l-emenda tal-Kunsill tiġi rrifjutata.

7. Wara l-logħba

M'hemmx bżonn issir sessjoni wara l-logħba iżda nirrakkomandawha, għax hija utli ħafna.

7.1 Sessjoni ta' debriefing

Id-debriefing mal-parteċipanti huwa l-mument fejn tieqfu ftit, taħsbu dwar l-attività, tanalizzaw l-esperjenza u tifhmu dak li jkun tgħallem il-grupp.

L-iskop tad-debriefing huwa li taqsmu l-esperjenza fi grupp u tesprimu bil-kliem xi wħud mill-emozzjonijiet li jkunu ħassew il-parteċipanti waqt l-esperjenza, taħsbu dwar l-attività u taqsmu l-opinjonijiet, kif ukoll tiddiskutu l-mumenti fejn tgħallimtu u anke l-mumenti fejn issorprendeju ruħkom.

F'dan il-kapitlu, tista' ssib xi suġġerimenti għal attivitajiet li tista' twettaq mal-parteċipanti tiegħek biex tifhem x'tgħallmu u kif jistgħu japplikaw dak li tgħallmu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, tgħinhom jifhmu dak li tgħallmu, jew sempliċiment issir taf x'għoġobhom dwar l-esperjenza u dwar kif tista' tittejjeb għad-darba li jmiss.

Se ssib ukoll informazzjoni dwar kif tista' saħansitra tagħmel aktar mal-istudenti tiegħek u tinvolvu ruħkom direttament mal-Parlament permezz ta' komunità online jew billi żżuru l-wirjiet interattivi tal-Parlament li jinsabu fil-bliet kapitali tal-Istati Membri.

Din hija wkoll opportunità biex twieġeb xi mistoqsijiet, issib modi biex dak li jkunu tgħallmu l-istudenti jkunu jistgħu japplikaw għal sitwazzjonijiet tal-ħajja ta' kuljum. Nissuġġerixxu li din is-sessjoni ta' debriefing issir eżatt wara l-logħba, ħalli l-esperjenza u l-ħsibijiet dwarha jkunu għadhom friski. Nissuġġerixxu wkoll li din is-sessjoni tkun ta' madwar 30 minuta, skont id-daqs tal-grupp u skont kemm tixtiequ tidħlu fil-fond fil-ħidma ta' riflessjoni.

Hawn isfel se ssib mod ta' kif nissuġġerixxu li ssir din is-sessjoni ta' debriefing. Din tista' tiġi adattata għall-ħtiġijiet tal-grupp tiegħek.

• L-emozzjonijiet dwar l-esperjenza:

Kif qed tħossokom wara li lgħabtu l-logħba? Għal xiex qed tħossokom hekk?

• Kif imxiet il-logħba:

Kienet diffiċli/faċli? X'għoġobkom l-aktar/l-anqas dwarha? Ħadtu pjaċir tilagħbuha? Terġgħu tilagħbuha? X'tibdlu fiha?

• Rabtiet mal-ħajja ta' kuljum:

Kif tistgħu tużaw din l-esperjenza fil-ħajja tagħkom ta' kuljum? Tistgħu tagħtu xi eżempji? Din il-logħba fiex tixbah lill-komunità tagħkom? Din l-esperjenza tħeġġiġkom biex issiru aktar attivi?

• Tagħlim:

Xi skopreju dwar il-Parlament Ewropew? U dwarkom infuskom? X'tgħallimtu? Ħassejtuha faċli tinnegożjaw u tilħqu kompromess? Ħassejtuha diffiċli tirrappreżentaw opinjonijiet differenti mill-opinjoni tagħkom?

7. Wara l-logħba

7.2

Feedback jew evalwazzjoni bil-miktub

Is-sessjoni ta' debriefing hija mod tajjeb ta' kif tiggwida lill-parteċipanti matul l-esperjenza tagħhom u tifhem dak li qegħdin jittgħallmu. Huwa importanti li tagħti l-opportunità lill-parteċipanti jagħtu feedback anonimu u jevalwaw il-ħidma tal-faċilitatur, il-kundizzjonijiet ġenerali u l-logħba nnifisha.

7.3

Flimkien.eu

Flimkien.eu huwa proġett immexxi mill-Parlament Ewropew għal kull min jixtieq jiddefendi d-demokrazija fl-Ewropa billi jħeġġeġ lin-nies jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2024. Din hija komunità ta' ċittadini individwali mill-UE kollha, iżda kull tip ta' organizzazzjoni tas-soċjeta' ċivili jew network taż-żgħażagħ jistgħu jinkitbu bħala msieħba jew jagħtu appoġġ lill-istess kawża.

7.4

L-offerta tal-Europa Experience

Biex jersaq eqreb lejn n-nies madwar l-Unjoni Ewropea kollha, il-Parlament Ewropew qiegħed jaħdem bla waqfien biex ikabbar l-opportunitajiet għall-viżitaturi lil hinn mill-kwartieri ġenerali tiegħu fi Brussell, Strażburgu u l-Lussemburgu.

Għalhekk, f'diversi Stati Membri tal-UE nfetħu spazji multimedjali interattivi msejnin **"Europa Experience"**.

Jekk ma jkollkomx ħin għal debriefing, tista' tipprintja u tqassam formola ta' evalwazzjoni, jew inkella tista' tagħti ħolqa li biha tkun tista' tiġbor feedback anonimu.

Fl-**Anness I** tista' ssib sensiela ta' mistoqsijiet marbuta ma' kif taħdem il-logħba u l-esperjenza tal-parteċipanti. Tiddejjax tistaqsi l-mistoqsijiet kollha li jinsabu fil-formola ta' evalwazzjoni jew ta' feedback, jew inkella tistaqsi wħud minnhom biss.

Flimkien.eu tagħti s-setgħa lil dawk kollha li jappoġġjaw id-demokrazija Ewropea billi tagħtihom aktar kunfidenza biex isemmgħu leħinhom, jaqsmu l-valuri tagħhom u jaġixxu. Dan kollu bis-saħħa tal-qawwa ta' komunità. Hija tilqa' voluntiera ta' kull età u li ġejjin minn kull sfond, kif ukoll gruppi u organizzazzjonijiet. Int fejn int, tagħmel x'tagħmel, huma x'inhuma l-kawża jew it-twemmin tiegħek, kulma nitolbu mingħandek hu li taqsam ma' ħaddieħor l-impenn tagħna għad-demokrazija.

Ħeġġeġ lill-istudenti jew parteċipanti tiegħek biex jinkitbu [hawnhekk](#).

Iċ-ċentri tal-Europa Experience jużaw għodod multimedjali mill-aktar avvanzati biex jagħtu lill-viżitaturi l-opportunità li jittgħallmu dwar l-Unjoni Ewropea, kif taħdem, u kif jistgħu jinvolvu ruħhom fid-demokrazija Ewropea.

Iż-żjarat kollha tal-Europa Experience huma bla ħlas u huma disponibbli bl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-offerta tista' tvarja minn ċentru għal ieħor: minn esperjenza ċinematografika immersiva dwar l-UE, sa mapep interattivi, logħob tar-rwoli fiżiċi u ħafna aktar.

Skopri x'hemm fl-Europa Experience li tinsab l-aktar viċin tiegħek billi ssegwi din il-[ħolqa](#):

8. Annessi

8.1

Anness I: Formola ta' evalwazzjoni/feedback

Grazzi talli lgħabt il-logħba. Jekk jogħġbok agħtina feedback onest u dettaljat. Kemm taqbel mas-sentenzi li ġejjin? Jekk jogħġbok agħmel ċirku mat-tweġiba tiegħek għal kull sentenza.

1) L-istruzzjonijiet tal-logħba kienu ċari.

1. Ma naqbel assolutament xejn 2. Ma naqbilx 3. Newtrali 4. Naqbel 5. Naqbel ħafna

2) Il-logħba tispjega r-rwol tal-Parlament Ewropew b'mod ċar.

1. Ma naqbel assolutament xejn 2. Ma naqbilx 3. Newtrali 4. Naqbel 5. Naqbel ħafna

3) Il-logħba tispjega l-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet b'mod

1. Ma naqbel assolutament xejn 2. Ma naqbilx 3. Newtrali 4. Naqbel 5. Naqbel ħafna

4) Il-logħba tispjega l-proċess tal-emendi b'mod ċar.

1. Ma naqbel assolutament xejn 2. Ma naqbilx 3. Newtrali 4. Naqbel 5. Naqbel ħafna

5) Issa li lgħabt il-logħba, qed nieħu aktar interess fis-suġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-UE.

1. Ma naqbel assolutament xejn 2. Ma naqbilx 3. Newtrali 4. Naqbel 5. Naqbel ħafna

6) Issa li lgħabt il-logħba, inħoss motivazzjoni biex ninvolvi ruħi aktar fil-politika.

1. Ma naqbel assolutament xejn 2. Ma naqbilx 3. Newtrali 4. Naqbel 5. Naqbel ħafna

7) Issa li lgħabt il-logħba nħossni aktar motivat biex nivvota fl-elezzjonijiet Ewropej.

1. Ma naqbel assolutament xejn 2. Ma naqbilx 3. Newtrali 4. Naqbel 5. Naqbel ħafna

8) Se terġa' tilgħab il-logħba xi darba oħra?

1. Probabbli le 2. Aktar le milli iva 3. Newtrali 4. Aktar iva milli le 5. Probabbli Iva

Grazzi talli lgħabt magħna! :)

Il-Valuri u l-Prijoritajiet

Flimkien mal-membri l-oħra tal-grupp politiku tagħkom, użaw din il-kard biex tistabbilixxu l-prijoritajiet attwali tagħkom. Dan se jgħinikom għan-negozjati tagħkom waqt is-sessjonijiet fil-kumitat u s-sessjonijiet fil-plenarja.

X'inhuma l-prijoritajiet tagħkom?

Identifikajtu xi grupp politiku li tistgħu toħolqu alleanza miegħu?

Hemm xi emendi li assolutament ma tistgħux taċċettaw, jew hemm xi emendi li stajtu tilħqu kompromess dwarhom?



Id-diskors fil-pubbliku

Użaw din il-kard biex tippreparaw id-diskors tagħkom, sew jekk se jkun fis-sessjoni plenarja u anke jekk fil-konferenza stampa. Agħżlu l-argumenti tagħkom bil-ħsieb, żommu fil-qosor u ħsiebkom hemm għall-ħin!

Xi ftit suġġerimenti!

Kunu ċari kemm jista' jkun;

Niżżlu ż-żewġ jew tliet punti ewlenin li tixtiequ tgħaddu:


"Din il-liġi hija tajba/ħażina/aċċettabbli għaliex..."

"Din il-liġi tkopri/ma tkoprix il-ħtiġijiet tal-persuni kkonċernati għax..."

"Iddeċidejna li nappoġġjaw/ma nappoġġjawx din il-liġi tal-UE għal dawn ir-raġunijiet..."



Dar/Tradizzjoni



Siġra/Ekoloġija




Qalb/Solidarjetà



Globu/Libertà

Il-grupp tal-kumitat I

Il-grupp tal-kumitat II



ILGĦAB ISSA!

vrpg.ep-digital-journey.eu

Il-Parlament Ewropew (PE) jagħti prijorità assoluta lil-leġiżlazzjoni ambizzjuża tal-UE dwar il-klima.

Kif se nilħqu n-newtralità klimatika? Liema obbligi aħna marbutin bihom?

L-ghoddaewlenijatal-UEbiexinnaqqsul-emissjonijiet ta' gassijiet serra, jiġifieri s-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS), **issaħħet**. L-ETS titfa' prezz fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Min iniġġes (dak li joħloq il-gassijiet serra) iħallas dan il-prezz. L-ETS bħalissa tkopri madwar 10,000 kumpanija f'setturi differenti. Ir-riforma tisser li se jżiedu setturi ġodda. L-UE se tkun ambizzjuża aktar minn qatt qabel: sal-2030, l-emissjonijiet fis-setturi tal-ETS iridu jonqsu bi 62%.

Permezz ta' riforma tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM), il-PE jiproteġi lill-industrija Ewropea mill-kriterji tal-UE fir-rigward tal-karbonju u l-prezzijiet tiegħu. Is-**CBAM** jiżgura li l-istess prezz jitħallas fuq prodotti li joriġinaw mis-setturi li joħolqu ħafna karbonju li jiġu impurtati fl-UE.

Kif se nħallu għal dan kollu?

X'benefiċċju hemm għaż-żgħażaġh?

Il-**Parlament Ewropew (PE)** jagħti prijorità assoluta lil-leġiżlazzjoni ambizzjuża tal-UE dwar il-klima. Il-Liġi dwar il-Klima tal-2021 tistabbilixxi obbligi li jorbtu biex sal-2050 nilħqu n-newtralità klimatika. Sal-2030, l-UE trid ukoll tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħha b'minn tal-anqas 55% meta mqabbel mal-livelli tal-1990.

Dan jiżgura li l-industrija Ewropea tista' tibqa' kompetittiva u tkun ta' eżempju għall-kumpaniji li jinsabu barra mill-Ewropa.

Il-**PE** għandu miri kbar dwar l-użu tal-art u l-protezzjoni tal-foresti. L-użu tal-art u l-foresti huma bjar tal-karbonju, peress li jassorbu aktar CO2 mill-arja milli jirrilaxxaw. Ir-riforma u l-monitoraġġ aktar strett se jfissru li l-UE qed issaħħaħ il-bjar tal-karbonju tagħna, tippreżerva l-bijodiversità, u twassal għal użu tal-art u forestrija li jirrispettaw aktar il-klima. Qegħdin ukoll jittieħdu miżuri biex id-deforestazzjoni fil-livell globali tibqa' tonqos. L-ebda prodott mhu se jiġi pprojbit milli jasal fuq l-ixkafef tagħna, iżda l-produtturi issa se jkollhom juru li l-produzzjoni tiegħu ma kkontribwixt għad-deforestazzjoni.

L-**UE** tinsab fuq quddiem nett għar-rappurtaġġ onest dwar is-sostenibbiltà. Biex negħlbu l-greenwashing, il-kumpaniji l-kbar kollha fl-UE (madwar 50,000!) issa meħtieġa jaqsmu d-data dwar l-impatt li huma jħallu fuq il-bnedmin u l-pjaneta.

B'kollox, minn tal-anqas **30% tal-bajit tal-UE** se jkun qiegħed jappoġġja l-miri fir-rigward tal-klima. Dan hu ammont sinifikanti! Il-Parlament Ewropew huwa wkoll impenjat li jiżgura li ħadd ma jibqa' lura. Huwa għamel dispożizzjonijiet u stabbilixxa fondi bħalma huma l-Fond Soċjali għall-Klima u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta biex jagħti sostenn lir-reġjuni u lid-djar l-aktar foqra kif ukoll lill-impriżi vulnerabbli li jsibu ruħhom f'diffikultà biex jiffaċċjaw l-impatt tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika.

In-newtralità klimatika u t-triq biex naslu għaliha se jwasslu għall-ħarsien mill-aġġar effetti tat-tibdil fil-klima, u se jwasslu għal arja, ilma u ħamrija aktar nodfa, anqas skart, għażliet ta' trasport aktar ekoloġiċi u futur aħjar għall-ġenerazzjoni ta' bħalissa u dawk futuri. Se ġġib magħha wkoll opportunitajiet ġodda ta' xogħol.

Iċ-ċarġer komuni

**Sa tmiem l-2024,
il-mowbajls, it-tablets,
u l-kameras irid
ikollhom
iċ-ċarġer komuni.**

**Għaliex hu importanti
dan il-pass?**

Kollha kemm aħna vvjaġġajna b'mitt elf cable fil-bagalja jew tlabna lil xi ħabib isellifna ċarġer tal-mowbajl biex imbagħad nirrealizzaw li għandu tip ta' mowbajl u ċarġer differenti. Sal-2024, din se ssir xi ħaġa tal-passat: il-mowbajls, it-tablets u l-kameras kollha jrid ikollhom iċ-ċarġer komuni: il-port tal-**USB tat-Tip C**. Sal-2026, il-laptops kollha wkoll irid ikollhom il-port tal-**USB tat-Tip C**.

Din il-miżura hija tajba għall-ambjent -

- Iċ-ċarġer komuni se jnaqqas l-iskart elettroniku bi 11,000 tunnellata kull sena.
- Billi se nnaqqsu l-ħtieġa għal ħafna ċarġers differenti, biċ-ċarġer komuni se nnaqqsu mill-użu tal-materja prima.

- u tajba għall-but

B'din il-miżura, il-konsumaturi fl-UE se jiffrankaw madwar €250 miljun fis-sena.

- L-apparati u ċ-ċarġers se jibdew jinbiegħu bilfors flimkien. Dan ifisser li inti tkun tista' tagħżel li tixtri apparati biċ-ċarġer jew mingħajru. Jiġifieri jekk inti trid biss tixtri mowbajl ġdid, imma ċ-ċarġer li għandek għadu jaħdem, tista' tixtri l-mowbajl waħdu.

Drittijiet indaqs u opportunitajiet indaqs għan-nisa

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Id-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi

U hija importanti kemm għall-irkupru soċjali u ekonomiku tagħna kif ukoll għad-demokrazija tal-UE b'mod globali. Il-Parlament Ewropew (PE) kien minn ta' quddiem fir-rigward ta' żewġ miżuri mfassla biex jiġi żgurat li jkollna l-ugwaljanza: id-[Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi](#) u d-[Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet](#).

Fl-UE, in-nisa jaqilgħu medja ta' 13% anqas mill-irgħiel li jagħmlu l-istess xogħol. Fl-aħħar 10 snin, din id-differenza fil-pagi naqset biss b'mod minimu. Id-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi hija intiża li tnaqqas din id-differenza. Dan xi jfisser fil-prattika?

Is-segretezza fir-rigward tal-pagi hija pprojbita. Kemm inti bħala ħaddiem, u r-rappreżentanti tal-ħaddiema tiegħek (eż. trade union) għandkom id-dritt għal informazzjoni kompluta dwar il-paga tiegħek u dwar il-livelli medji tal-pagi. Dan jgħinkom tiskopru jekk hemmx differenza fil-pagi (bejn il-ġeneri).

Tista' titlob kumpens jekk qed issir diskriminazzjoni kontrik fir-rigward tal-paga tiegħek.

Il-proċeduri ta' reklutaġġ u evalwazzjoni għandhom ikunu newtrali għall-ġeneri u mhux diskriminatorji.

Id-Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet

Sal-aħħar tal-2026, f'kumpaniji tal-UE li għandhom aktar minn 249 impjegat, mill-anqas **40% tal-pożizzjonijiet ta' Direttur mhux eżekuttiv** iridu jkunu mimlijin minn nisa.

•Jekk il-kumpaniji jonqsu milli jagħmlu dan, l-Istati Membri huma awtorizzati jippenalizzawhom

X'benefiċċju hemm għaż-żgħażaġh?

L-aktar ħaġa importanti hi li tingħata paga ugwali għal xogħol ugwali! Hu x'inhum l-ġeneru tiegħek, tista' tiżgura ruġiek mill-fatt li inti qed titħallas b'mod ġust tax-xogħol li tagħmel. Fl-istess waqt, qegħdin inxaqq s-saqaf tal-ħġieġ billi niżguraw li n-nisa jkollhom opportunità ġusta biex jaslu sal-ogħla livelli fid-dinja korporattiva.

Matul din il-leġiżlatura, il-Parlament Ewropew (PE) adotta regoli ġodda dwar il-pagi minimi xierqa

X'inhuma l-obbligi

It-teħid ta' deċiżjoni dwar il-paga minima hija kompetenza nazzjonali. Dan ifisser li kull Stat Membru għandu d-dritt jistabbilixxi l-paga minima tiegħu. Dan jagħmel sens, għax l-għoli tal-ħajja jvarja ħafna minn Stat Membru għal ieħor. Madankollu, ir-regoli l-ġodda jistabbilixxu **standards għall-Istati Membri dwar kemm għandha tkun paga minima xierqa**. Ir-regoli l-ġodda jirrispettaw ukoll prattiki nazzjonali dwar l-iffissar tal-pagi: jekk Stat Membru jkun żgura li d-drittijiet tal-ħaddiema u tal-introjtu huma protetti, ir-regoli eżistenti ma għandhomx jiddgħajfu.

Il-ħaddiema se jkollhom id-dritt għal **kumpens** jekk ir-regoli dwar il-paga minima ma jiġux osservati.

X'benefiċċju hemm għaż-żgħażagħ?

għall-ħaddiema kollha fl-UE. L-għoli tal-ħajja qiegħed jiżdied. Huwa għalhekk li l-PE qiegħed jiżgura li l-ħaddiema jiksbu paga ġusta għal xogħolhom. Sa mhux aktar tard mill-2024, l-Istati Membri kollha għandhom ikunu stabbilew paga minima.

Ir-regoli l-ġodda se jipromwovu n-negozjar kollettiv, speċjalment fi Stati Membri fejn in-**negozjar kollettiv** ikun ikopri anqas minn 80% tal-ħaddiema. In-negozjar kollettiv huwa proċess li permezz tiegħu l-persuni li jimpjegaw jinnegozjaw mal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema (pereżempju t-trade unions) biex jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet għall-impjeg, li jinkludu l-paga u l-ħin tax-xogħol.

Ir-regoli l-ġodda jintroduċu wkoll l-obbligu għall-Istati Membri li jistabbilixxu **sistema ta' infurzar u monitoraġġ**. Pereżempju l-ispezzjonijiet huma maħsuba li jipprevjenu u jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn il-ħaddiema jaħdmu saħra li ma tiġix irreġistrata.

Paga ġusta! Iż-żgħażagħ jistgħu jserrħu rashom li xogħolhom se jiġi kkumpensat skont standards allinjati mal-għoli tal-ħajja. Ir-regoli se jfissru wkoll li l-ħaddiema se jkollhom aktar ċans isemmgħu leħin视角 fin-negozjati li jwasslu għal pagi xierqa.

Il-gwida tal-faċilitaturi għal-Logħba tar-Rwoli Virtwali



Parlament Ewropew